**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 17 ta' Settembru, 2015**

**Rikors Nru: 677/2015 AF**

**Gaetano u Judith konjugi Cutajar**

**vs**

**Awtorità ghat-Trasport f'Malta u Central Asphalt Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-Awtorità ghat-Trasport f'Malta li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija din il-Qorti qeghda tintalab:

(i) Tirrevoka l-mandat ta' inibizzjoni Numru 1791/2012 FS ai termini tal-Artiklu 836 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

(ii) Alternattivament, jekk jidhrilha li l-mandat ghandu jibqa' fis-sehh, tawtorizza illi jsiru xogholijiet necessarji.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Gaetano u Judith konjugi Cutajar.

Semghet lid-difensuri.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-procedura, l-Awtorità rikorrenti trid li jigi revokat mandat ta' inibizzjoni li bih hija giet mizmuma milli tidhol fuq art tar-rikorrenti jew taghmel xogholijiet fuqha.

Jirrizulta illi l-konjugi Cutajar huma sidien ta' bicca art fl-Imriehel li qeghda tintuza bhala service road biswit il-bypass. Minkejja li l-art *de quo* qatt ma giet esproprjata, din it-triq qeghda tintuza minn sewwieqa biex minn fuqha johorgu ghal fuq il-bypass, u dan peress illi, in segwitu tal-mandat *de quo*, ma jistax isir xoghol ta' stallazzjoni ta' crash barriers, kif del resto, ma jista' jsir ebda xoghol ta' asfaltar. Din is-sitwazzjoni qeghda tirrizulta f'sitwazzjoni ta' periklu ghas-sewwieqa.

L-Art. 836 (1) (f) tal-Kap. 12 jipprovdi ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju:

> *"Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*
>
> *(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Il-mandat ta' inibizzjoni kien gie akkordat wara li l-Qorti diversament presjeduta ghamlet is-segwenti konsiderazzjoni:

> *"Fil-fehma tal-Qorti l-proprjetarju huwa l-persuna li ghandha d-dritt tiddeciedi fuq il-proprjetà taghha u certament ghandha d-dritt li sakemm ma jibdewx proceduri ghal xi esproprjazzjoni li tikkawtela hwejjigha. Mhuwiex gust li l-art ta' persuna tigi wzata mill-pubbliku minghajr ma bdew proceduri ghal esproprjazzjoni u kieku l-Qorti kellha tippermetti dan, jista' jwassal ghal posizzjoni fejn ghal numru twil ta' snin tigi mehuda proprjetà minghand persuna minghajr il-process legali u minghajr kumpens li tirrikjedi l-ligi. Dan ikun iwassal ghal pregudizzju irrimedjabbli."*

L-Awtorità ghat-Trasport isejjes it-talba taghha fuq il-konsiderazzjoni tal-periklu ezistenti li hija ghandha obbligu legali li thares kontrih. Ma tidhirx kontestata l-ezistenza tal-periklu, però ma tistax l-Awtorità b'hekk ixejjen id-dritt ta' proprjetarju li jigi kompensat ghall-hwejjgu meta dawn jigu mehuda minnu ghax il-gid komuni hekk jitlob. It-triq mertu tal-kawza issa ilha snin uzata u hija wzata hafna, u ghalhekk l-Awtorità ghat-Trasport, galadarba t-triq hija skemata ghal dan l-uzu, hija fid-dmir sagrosant li tixpruna lill-istess awtoritajiet biex jiehdu hsieb li jsir l-esproprju kif suppost. Minbarra l-periklu, li l-Awtorità ghandha d-dmir ukoll thares lilha nnifisha minn ta' sitwazzjonijiet fejn tista` tigi mitluba taghmel tajjeb ghal hsarat subiti mill-vetturi tal-utenti tat-triq. Meta l-Awtorità ssemmi li s-sitwazzjoni hija kritika, m'ghandhiex thares lejn il-konjugi Cutajar li qed iharsu hwejjighom izda lejn l-istess awtoritajiet li qed jonqosu milli jharsulhom il-jeddijiet taghhom kif xieraq. Anzi l-Qorti tasal biex tqis illi l-Awtorità qeghda tonqos ukoll lill-istess sewwieqa meta thallihom jidhlu fuq art privata bil-vetturi taghhom.

Madanakollu l-Qorti ma tistax tinjora s-sitwazzjoni tal-perikolu ezistenti u ghalhekk tikkoncedi biss li jitwahhlu crash barriers li jifirdu l-art de quo mill-bypass.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel talba u tilqa' t-tieni talba limitatament billi tawtorizza biss l-istallazzjoni ta' crash barriers bejn Triq l-Intornjatur u l-Bypass tal-Imriehel. M'ghandu jsir ebda asfaltar jew xoghol iehor, inkluz ta' servizzi fuq l-art.
L-ispejjez jithallsu mill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta.

IMHALLEF